MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Numru. 352/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Reuben Micallef**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 7 ta' April, 2014, fil-konfront ta' Reuben Micallef ta' 34 sena, imwieled Malta, fil-5 ta' Ottubru, 1979, iben

Carmel u Antonia nee' Mifsud u li joqgħod 14, St. Joseph, Flat 2, Triq San Luqa, Pieta' jew 76, Triq Efesu, San Pawl il-Baħar u li ġie mixli talli :

F'dawn il-Gżejjer waqt li kien fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar fil-lejl ta' bejn l-4 ta' l-5 ta' Novembru, 2013 ikkommetta serq ta' nuċċali tal-vista li jiswa inqas minn €232.94 għad-detriment ta' Marvin Mallia (ID 167388 M) aggravat bil-vjolenza u fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u ċioe' ħġieġa għad-detriment ta' Marvin Mallia (ID 167388 M), liema ħsara tammonta għal aktar minn €116.47 iżda inqas minn € 1,164.69.

Rat li matul is-seduta tal-21 ta' Lulju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol. 7 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, stqarr li mhux ħati u l-Qorti proċediet bis-smiegħ tal-provi.

Rat li matul is-seduta tad-19 ta' Jannar 2015 l-imputat tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Wara li rat l-Artikoli 262(1)(a), 276 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontih u peress li fiċ-ċirkostanzi tal-każ tqis li ma jkunx spedjenti li tingħata piena, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien sena millum u dan wara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-istess Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta spjegat bi kliem ċar u li jinftiehem lill-imputat bl-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi li huwa jkollu jaffaċċa fil-każ li fil-perjodu hawn fuq imsemmi huwa jikkommetti reat ieħor fis-sens li f'dak il-każ huwa jkun jista' jingħata s-sentenza għar-reat oriġinali.

***Mogħtija illum id-19 ta' Jannar 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------